MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2/1991/2

**Lawrence Attard għan-nom u in rappreżentanza ta' *L & D Attard Co. Ltd***

***Versus***

**Sebastian Vella**

***Versus***

**Carmelo Agius**

Dan il-provvediment huwa biex issir gradwazzjoni tal-kredituri ta' Carmelo Agius li qegħdin jagħmlu konkors fuq is-somma ta' erbat elef, erba' mija u tlieta u sittin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm4,463.50) iddepożitata b'ċedola f'isem id-debitur wara li nbigħet *sub hasta* proprjetà tad-debitur.

Fil-konkors ħadu sehem dawn il-kredituri:

- *Bank of Valletta p.l.c.* għal ħamest elef erba' mija u tlittax-il lira u ċenteżmu (Lm5,413.01), flimkien ma' l-

imgħaxijiet mis-26 ta' Marzu 1990, kreditu kanonizzat b'sentenza u mħares b'ipoteka ta' l-1 ta' Lulju 1986; u

- Il-korporazzjoni *Telemalta*, illum *Maltacom p.l.c.*, għal (a) disa' mija u erba' liri u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (Lm904.57), flimkien ma' spejjeż ġudizzjarji u mgħaxijiet mill-25 ta' Settembru 1991, kreditu kanonizzat b'sentenza tat-28 ta' Novembru 1991; u (b) mija u sebgħa u ħamsin lira u għaxar ċenteżmi (Lm157.10), flimkien ma' spejjeż ġudizzjarji u mgħaxijiet mis-17 ta' Settembru 1991, kreditu kanonizzat b'sentenza tad-9 t'April 1992.

Billi l-kreditu ta' *Bank of Valletta p.l.c.* għandu kawża ta' preferenza waqt illi l-kreditu ta' *Maltacom p.l.c.* ma għandux, il-kreditu ta' *Bank of Valletta p.l.c.* jiggradwa qabel. Billi dan il-kreditu huwa ta' aktar mis-somma depożitata, il-qorti tipprovdi billi tgħid illi *Bank of Valletta p.l.c.* huwa l-kreditur illi għandu jitħallas mis-somma depożitata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------